MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 336/2007

**Bonnici Brothers Limited (C3905)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Zabbar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-Kunsill konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas s-somma ta' elfejn mitejn u erbgha u sittin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm2264.63) rapprezenanti zieda fid-drittijiet pagabbli lill-Gvern ghad-depozitu ta' radam f'sit pubbliku, liema zieda giet introdotta mill-Gvern centrali wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' bejn il-kunsill konvenut u bejn is-socjeta' attrici bl-isem *Tender for Resurfacing of Various Roads in Zabbar* (ZLC 5.2004), u li l-Kunisll Lokali konvenut qieghed jippretendi illi s-socjeta' attrici ghandha tbati din iz-zieda b'mod li tikkaguna telf finanzjaru konsiderevoli lill-istess socjeta'

attrici, meta kien il-gvern centrali stess li introduca din iz-zieda;

Bl-ispejjez , inkluz tal-avviz kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datat 16 ta' Awwissu 2007 kontra l-Kunsill Lokali konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.  Il-Kunsill Lokali konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet (risposta) tal-istess Kunsill konvenut (fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, ir-rikors huwa null u bla ebda effett stante li r-raprezentanza legali u guridika hija vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 27 tal-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap 363) u r-rikorrenti kellhom igibu rikors kontra dawn l-ufficjali;
2. Illi preliminarjament u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti
3. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha (inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja li ghandha ref. 4864/2007 tal-24 ta' Awissu 2007) kontra r-rikorrenti u dan stante li skond l-istess kuntratt deskritt fir-rikors, il-prezz tal-appalt li gie miftiehem kien wiehed fiss u l-istess kuntratt bejn il-partijiet ma jippermettix li jsir aggustament fil-prezz miftiehem bonarjament u ghaldaqstant, l-ammont pretiz mir-rikorrent m'huwiex dovut mill-Kunsill Lokali.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tas-socjeta' attrici a fol 11 et seq ibid u dak verbalizzat a fol 14 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward <u>l-ewwel (1) eccezzjoni in esami</u> u li hi ta' natura preliminari, hu sufficjenti illi ssir riferenza ghal dak sottomess fin-nota presentata mis-socjeta' attrici (fol 11 u fol 12 ibid).  Difatti, mis-sentenza hemm citata fl-ismijiet "Waste Control Services Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta" moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju 2001 kif ukoll mill-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-artikolu 181A(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'

Malta, hu sufficjenti illi jitnizzel bhala parti f'kawza "…. Isem dak il-korp". Fil-fatt, ma hemmx mehtieg "ad validatem" illi l-kawza tingieb b'mod specifiku, kontra s-Sindklu flimkien mas-Segretarju Esekuttiv.

Illi, ghalhekk , l-ewwel (1) eccezzjoni trid tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-Kunsill konvenut u tordna li dan il-kaz jitkompla jinstema u jigi decis fil-meritu flimkien mat-tieni (2) eccezzjoni jekk din tesisti.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------